*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,531, 8 ta' Jannar, 2010*

*Taqsima B*

**A.L. 23 tal-2010**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti tal-2010 dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi.

Tifsir.

**2.** F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra –

"akkomodazzjoni" tfisser fond fornut u mgħammar biex jipprovdi akkomodazzjoni fejn joqgħodu persuni individwali u li jkollhom liċenzja mill-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

"fond" tinkludi kull struttura sew temporanja sew mhix, li l-pubbliku jkollu jew jitħalla jkollu aċċess għaliha, kemm bi ħlas jew xort'oħra, imma teskludi bini li jkun maħsub għal finijiet ta' residenza privata;

"kamra għat-tipjip maqtugħa għaliha" hi kull kamra li tkun maħsuba għall-fini li fiha jsir it-tipjip ta' xi prodott tat-tabakk;

"persuna responsabbli" tfisser kull min f'xi waqt ikun qiegħed iwettaq, jissorvelja jew jimmaniġġa xi operazzjoni li tkun qiegħda ssir f'xi fond li dawn ir-regolamenti japplikaw għaliha u għandha tinkludi lil kull persuna li taġixxi f'isimha jew f'isem min jimpjegaha;

"Suprintendent" tfisser is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika;

"żona magħluqa għaliha" tfisser kull spazju mgħotti b'saqaf u magħluq b'iżjed minn ħajt wieħed jew naħa waħda, ikun xi jkun il-materjal użat għas-saqaf, il-ħajt jew in-naħat, u minkejja l-istruttura tkunx waħda permanenti jew le.

Ma jistax isir tipjip f'żoni magħluqin għalihom.

**3.** (1) Ħadd m'għandu jpejjep l-ebda prodott tat-tabakk f'xi żona magħluqa għaliha.

(2) Persuna responsabbli għandha d-dmir li ma tippermetti li jsir ebda tipjip ta' xi prodott tat-tabakk f'xi żona magħluqa għaliha ġewwa l-fond tagħha.

(3) Madankollu it-tipjip jista' jsir fi kmamar individwali ġewwa fond ta' akkomodazzjoni li jintuża għal għanijiet ta' rqad u li jkun unikament okkupat minn klijienti li jpejjpu:

Iżda b'din l-eżenzjoni m'għandhomx jintlaqtu kmamar oħra li jkunu okkupati jew li jistgħu jkunu okkupati minn nies li ma jpejjpux.

Kmamar għat-tipjip maqtugħin għalihom.

**4.** (1) Kmamar għat-tipjip maqtugħin għalihom għandhom ikunu magħmulin skond kriterji li jiġu stabbiliti mis-Suprintendent u li jiġu ppubblikati fil-Gazzetta.

(2) Ħadd m'għandu jpejjep jew jippermetti li jsir it-tipjip f'kamra għat-tipjip maqtugħa għaliha wara l-1 ta' Jannar 2013:

Iżda:

(a) il-persuna responsabbli jkollha d-dmir li tavża lis-Suprintendent, fi żmien xahrejn minn meta dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ, jekk ikunx hemm xi kamra għat-tipjip maqtugħa għaliha li tkun taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu; u

(b) fil-każ ta' kmamar għat-tipjip maqtugħin għalihom li għandhom jintużaw wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-avviż hawn qabel imsemmi għandu jingħata minnufih qabel ma dawn jintużaw.

Liġijiet u regolamenti oħra.

**5.** Dawn ir-regolamenti huma bla preġudizzju għal liġijiet u regolamenti oħra magħmulin biex iħarsu aktar is-saħħa tal-komunità mill-effetti kaġunati billi din tkun esposta għat-tipjip tat-tabakk.

Jirrevoka A.L. 414 tal-2004.

**6.** Ir-Regolamenti tal-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi, qegħdin b'dawn jiġu revokati.